ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2021 TAL-KUMITAT KONĠUNT SKONT IL-FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ĠAPPUN GĦAL SĦUBIJA EKONOMIKA

tal-25 ta' Jannar 2021

dwar l-emendi għall-Annessi 14-A u 14-B dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi [2021/109]

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikoli 14.30 u 22.2 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2019.

(2) Fit-8 ta' Ġunju 2019, il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) imsemmi fil-Parti 1 tal-Anness 14-A u fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness 14-B tal-Ftehim tħassar bir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Għalhekk jenħtieġ li r-referenzi għar-Regolament (KE) Nru 110/2008 fil-Ftehim jiġu sostitwiti kif xieraq bir-referenzi fir-Regolament (UE) 2019/787.

(3) Fit-28 ta' Novembru 2019, matul l-ewwel laqgħa tal-Kumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali, l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Partijiet") iddiskutew il-modalitajiet biex jiġi emendat l-Anness 14-B tal-Ftehim skont l-Artikolu 14.30 u qablu li jkomplu d-diskussjonijiet fix-xhur li ġejjin bil-għan li jintlaħaq ftehim relatat maż-żieda ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi ġodda (minn hawn 'il quddiem imsejħa "IĠ") fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Konġunt. B'riżultat ta' dawk id-diskussjonijiet, il-Partijiet ikkonfermaw li kull sena, mill-2020 sal-2022, il-Kumitat Konġunt se jikkunsidra sa 28 isem mill-Unjoni Ewropea u mill-Ġappun rispettivament biex jiġu protetti bħala IĠ u biex jiżdiedu fl-Anness 14-B tal-Ftehim, diment li dawk l-ismijiet ikunu protetti bħala IĠ domestikament ([3]). Mill-2023, il-Partijiet se jaħdmu biex iżidu kontinwament IĠ addizzjonali fl-Anness 14-B fid-dawl tal-interessi ta' kull naħa u b'koordinazzjoni mill-qrib bejn il-Partijiet.

(4) Fuq talba tal-Partijiet u skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 14.30, l-Unjoni Ewropea lestiet il-proċedura ta' oppożizzjoni u l-eżami ta' 28 IĠ addizzjonali tal-Ġappun, u l-Ġappun lesta l-proċedura ta' oppożizzjoni u l-eżami ta' 28 IĠ addizzjonali tal-Unjoni Ewropea.

(5) Fit-2 ta' Marzu 2020, f'konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 14.30 tal-Ftehim, il-Ġappun innotifika lill-Unjoni Ewropea dwar il-waqfien tal-protezzjoni tal-Indikazzjoni Ġeografika Ġappuniża "**西尾の抹茶**/Nishio Matcha" fil-Ġappun.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1).

([3]) Għal aktar ċertezza, il-Kumitat Konġunt se jikkunsidra 27 jew 28 isem mill-Unjoni Ewropea kull sena irrispettivament mill-għadd ta' ismijiet mill-Ġappun.

(6) Fit-28 ta' Diċembru 2020, f'konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 14.53 tal-Ftehim, il-Kumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali rrakkomanda lill-Kumitat Konġunt biex jemenda l-Anness 14-A u l-Anness 14-B tal-Ftehim skont dan.

(7) Il-Partijiet diġà lestew il-proċeduri interni tagħhom meħtieġa għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt skont il-Ftehim, u jenħtieġ li jagħmlu ħilithom mill-aktar fis biex jiskambjaw in-noti diplomatiċi li jikkonfermaw l-emendi għall-Ftehim sabiex dawn ikunu jistgħu jidħlu fis-seħħ mhux aktar tard minn għaxart ijiem tax-xogħol wara li tiġi addottata d-Deċiżjoni.

(8) Konsegwentement, jenħtieġ li l-Annessi 14-A u 14-B tal-Ftehim jiġu emendati, f'konformità mal-paragrafu 3 u s-subparagrafi 4(f) u 4(g) tal-Artikolu 23.2 tal-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-Parti 1 tal-Anness 14-A u fin-nota 1 f'qiegħ il-paġna għat-titolu "L-Unjoni Ewropea" tat-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness 14-B, ir-referenzi għar-regolament tal-UE għandhom jiġu emendati kif deskritt fl-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness 14-B tal-Ftehim, l-IĠ elenkati fl-Anness 2 ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista korrispondenti ta' IĠ tal-Istat Membru rispettiv tal-Unjoni Ewropea.

2. Fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness 14-B tal-Ftehim, l-Indikazzjoni Ġeografika "**西尾の抹茶**/Nishio Matcha" għandha titneħħa mil-lista ta' IĠ tal-Ġappun kif indikat fil-Parti 1 tal-Anness 3 ta' din id-Deċiżjoni u l-IĠ elenkati fil-Parti 2 tal-Anness 3 ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista ta' IĠ tal-Ġappun.

3. Fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness 14-B tal-Ftehim, l-IĠ elenkati fl-Anness 4 ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista korrispondenti ta' IĠ tal-Istat Membru rispettiv tal-Unjoni Ewropea.

4. Fit-Taqsima B tal-Parti 2 tal-Anness 14-B tal-Ftehim, l-IĠ elenkati fl-Anness 5 ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista ta' IĠ tal-Ġappun.

Artikolu 3

1. Fit-tielet u r-raba' sena ta' implimentazzjoni tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt se jiddeċiedi dwar iż-żieda fl-Anness 14-B tal-Ftehim ta' għadd massimu ta' 28 isem mill-Unjoni Ewropea u mill-Ġappun rispettivament li għandhom jiġu protetti bħala IĠ skont il-Ftehim, sa total ta' 83 isem għal kull Parti inklużi l-ismijiet skont l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni, diment li dawk l-ismijiet ikunu IĠ protetti fit-territorju tal-Parti f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha.

2. Mill-ħames sena ta' implimentazzjoni tal-Ftehim, il-Partijiet se jaħdmu biex jinkludu b'mod kontinwu IĠ addizzjonali fid-dawl tal-interessi ta' kull Parti.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija mfassla f'żewġ kopji. L-Artikoli 1 u 2 u l-Annessi ta' din id-Deċiżjoni huma mfassla f'żewġ kopji bil-lingwi awtentiċi tal-Ftehim previsti fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 23.8 tal-Ftehim, u t-testi kollha huma ugwalment awtentiċi.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi implimentata mill-Partijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 22.2 tal-Ftehim. L-emendi għall-Ftehim adottati permezz ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu kkonfermati u jidħlu fis-seħħ mal-iskambju tan-noti diplomatiċi f'konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 23.2 tal-Ftehim.

Għall-Kumitat Konġunt

Kopresident (għall-Ġappun)	Kopresident (għall-UE)
Toshimitsu MOTEGI	Valdis DOMBROVSKIS

ANNESS 1

Fil-Parti 1 tal-Anness 14-A u fin-nota 1 f'qiegħ il-paġna għat-titolu "L-Unjoni Ewropea" tat-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness 14-B, ir-referenzi għar- "Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89" għandhom jiġu sostitwiti b'referenzi għar-"Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 | dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008".

ANNESS 2

L-AWSTRIJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni tal-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"Vorarlberger Bergkäse	ファアアールベルガー・ベルクケーゼ	Ġobon"

IL-BULGARIJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni tal-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"Българско розово масло (Trasliterazzjoni bl-alfabett Latin: Bulgarsko rozovo maslo)	バルガルスコ・ロゾヴォ・マスロ	Żjut essenzjali
Странджански манов мед/Манов мед от Странджа (Trasliterazzjoni bl-alfabett Latin: Strandzhanski manov med/Manov med ot Strandzha)	ストランジャンスキ・マノフ・メッド/マノフ・メッド・オット・ストランジャ	Prodott ieħor li joriġina mill-annimali (bajd, għasel, diversi prodotti tal-ħalib, għajr butir, eċċ.) [għasel]"

IL-KROAZJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni tal-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"Baranjski kulen	バラニュスキ・クレン	Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.) [perżut tal-majjal]
Dalmatinski pršut	ダルマティンスキ・プロシュート	Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.) [perżut tal-majjal]
Drniški pršut	ドゥルニシュキ・プロシュート	Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.) [perżut tal-majjal]
Međimursko meso `z tiblice	メジムルスコ・メソ・ズ・ティブリツェ	Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.) [perżut tal-majjal]
Slavonski med	スラヴォンスキ・メド	Prodott ieħor li joriġina mill-annimali (bajd, għasel, diversi prodotti tal-ħalib, għajr butir, eċċ.) [għasel]"

FRANZA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni tal-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"Beurre Charentes-Poitou/Beurre des Charentes/Beurre des Deux-Sèvres	ブール・シャラント・ポワトゥー/ブール・デ・シャラント/ブール・デ・ドゥー・セーヴル	Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żejt, eċċ.) [butir]
Laguiole	ライオル	Ġobon"

IL-ĠERMANJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni tal-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"Aachener Printen	アーヘナー・プリンテン	Ħobż, għaġina, kejkijiet, ħlewwiet, gallettini u oġġetti oħrajn tal-furnara [gallettini]"

IL-GREĊJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni tal-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"Καλαμάτα (Trasliterazzjoni bl-alfabett Latin: Kalamata)	カラマタ	Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żejt, eċċ.) [żejt taż-żebbuġa]
Κασέρι (Trasliterazzjoni bl-alfabett Latin: Kasseri)	カセリ	Ġobon
Κεφαλογραβιέρα (Trasliterazzjoni bl-alfabett Latin: Kefalograviera)	ケファログラヴィエラ	Ġobon"

L-ITALJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni tal-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"Culatello di Zibello	クラテッロ・ディ・ジベッロ	Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.) [perżut tal-majjal]
Toscano	トスカーノ	Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żejt, eċċ.) [żejt taż-żebbuġa]"

IR-RUMANIJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni tal-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"Magiun de prune Topoloveni	マジュン・デ・プルネ・トポロヴェニ	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati [ġamm tal-għajnbaqar]
Salam de Sibiu	サラム・デ・シビウ	Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.) [salami tal-majjal]
Telemea de Ibănești	テレメア・デ・イバネシュティ	Ġobon"

IS-SLOVENJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni tal-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"Kranjska klobasa	クランスカ・クロバサ	Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.) [zalzett tal-majjal]"

SPANJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni tal-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"Estepa	エステパ	Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żejt, eċċ.) [żejt taż-żebbuġa]"

ANNESS 3

IL-PARTI 1

L-Indikazzjoni Ġeografika “西尾の抹茶/Nishio Matcha” għandha titneħħa mil-lista ta’ IĠ tal-Ġappun fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness 14-B tal-Ftehim.

PARTI 2

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni bl-alfabett Latin (għal skopijiet ta’ informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f’parentesi kwadri, għal skopijiet ta’ informazzjoni]
“水戸の柔甘ねぎ	Mito no Yawaraka Negi	Prodott agrikolu [basal aħdar]
松館しぼり大根	Matsudate Shibori Daikon	Prodott agrikolu [ravanell abjad Ġappuniż (daikon)]
対州そば	Taisyu Soba	Prodott agrikolu [qamħ saraċin] Prodott agrikolu pproċessat [dqiq tal-qamħ Saraċin]
山形セルリー/ Yamagata Celery	Yamagata Celery	Prodott agrikolu [karfus]
南郷トマト	Nango Tomato	Prodott agrikolu [tadam]
ヤマダイかんしょ/かんしょ	Yamadai Kansho	Prodott agrikolu [patata ħelwa]
岩出山凍り豆腐/ 岩出山名産凍り豆腐	Iwadeyama Koridofu/ Iwadeyama Meisan Koridofu	Prodott agrikolu pproċessat [baqta tal-fażola lijofilizzata]
くまもとあか牛	Kumamoto Akaushi	Laħam frisk [ċanga]
二子さといも/二子いものこ	Futago Satoimo/ Futago Imonoko	Prodott agrikolu [taro]
越前がに/越前かに	Echizen Gani/Echizen Kani	Prodott tal-baħar [snow crab] Prodott tal-baħar ipproċessat [snow crab mgħolli]
大山ブロッコリー/ Daisen Broccoli	Daisen Broccoli	Prodott agrikolu [brokkoli]
奥久慈しゃも/ Okukuji Shamo Chicken	Okukuji Shamo	Laħam frisk [tiġieġ, laħam tal-ġewwieni]
こおげ花御所柿/ Koge Hanagoshogaki	Koge Hanagoshogaki	Prodott agrikolu [Kaki Ġappuniż]
菊池水田ごぼう/ Kikuchi Suiden Gobo	Kikuchi Suiden Gobo	Prodott agrikolu [bardana]
つるたスチューベン/ Tsuruta Steuben ([1])	Tsuruta Steuben	Prodott agrikolu [għeneb]
小笹うるい/Ozasa Urui	Ozasa Urui	Prodott agrikolu [hosta]
東京しゃも/ Tokyo Shamo	Tokyo Shamo	Laħam frisk [tiġieġ, laħam tal-ġewwieni]

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni bl-alfabett Latin (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
佐用もち大豆/ Sayo Mochidaizu	Sayo Mochidaizu	Prodott agrikolu [fażola tas-sojja]
いぶりがっこ/Iburigakko	Iburigakko	Prodott agrikolu pproċessat [pikles]
大栄西瓜/Daiei Suika	Daiei Suika	Prodott agrikolu [dulliegħ]
津南の雪下にんじん/ Tsunan no Yukishita Ninjin	Tsunan no Yukishita Ninjin	Prodott agrikolu [karrotti]
善通寺産四角スイカ/Zentsujisan Shikakusuika	Zentsujisan Shikakusuika	Prodott agrikolu [dulliegħ]
比婆牛/Hiba Gyu	Hiba Gyu	Laħam frisk [ċanga]
伊吹そば/Ibuki Soba/伊吹在来そば/ Ibuki Zairaisoba	Ibuki Soba/Ibuki Zairaisoba	Prodott agrikolu [qamħ saraċin]
東出雲の㊭ほし柿/Higashiizumo no Maruhata Hoshigaki/Higashiizumo no Maruhata Hoshikaki	Higashiizumo no Maruhata Hoshigaki	Prodott agrikolu pproċessat [Kaki Ġappuniż imnixxef]

(1) Għal ċertezza akbar, ismijiet varjetali li fihom jew jikkonsistu minn "Steuben" jistgħu jkomplu jintużaw fuq oġġetti simili, diment li l-konsumatur ma jiġix żgwidat dwar in-natura ta' tali terminu jew l-oriġini preċiża tal-prodott."

ANNESS 4

L-ESTONJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni tal-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"Estonian Vodka	エストニアン・ウォッカ	Spirti"

FRANZA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni tal-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"Cassis de Dijon	カシス・ドゥ・ディジョン	Spirti"

IL-ĠERMANJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni tal-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"Pfalz	ファルツ	Inbid"

L-IRLANDA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni tal-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"Irish Poteen/Irish Poitín	アイリッシュポティーン/アイリッシュポッチーン	Spirti"

IS-SLOVENJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni tal-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"Goriška Brda	ゴリシュカ・ブルダ	Inbid
Štajerska Slovenija	シュタイエルスカ・スロヴェニア	Inbid"

SPANJA

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni tal-Ġappuniż (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"Cariñena	カリニェナ	Inbid"

ANNESS 5

Isem li għandu jkun protett	Traskrizzjoni bl-alfabett Latin (għal skopijiet ta' informazzjoni)	Kategorija tal-oġġett u deskrizzjoni qasira [f'parentesi kwadri, għal skopijiet ta' informazzjoni]
"北海道	Hokkaido	Inbid
灘五郷	Nadagogo	Seishu (Sake)
はりま	Harima	Seishu (Sake)"